32006R0944

L 173/10 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* 27.6.2006

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 944/2006

tas-26 ta' Ġunju 2006

li jiftaħ id-distillazzjoni ta' kriżi msemmija fl-Artikolu 30 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999 għal ċerti nbejjed fl-Italja

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITÀ EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat tal-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-inbid[1], u b'mod partikolari tal-Artikolu 33(1)(f) tiegħu,

(1) L-Artikolu 30 tar-Regolament (KE) Nru 1493/1999 jipprevedi l-possibbiltà li tittieħed miżura ta' distillazzjoni ta' kriżi f'każ ta' taħwid eċċezzjonali tas-suq minħabba fdalijiet importanti. Din il-miżura tista' tiġi limitata għal ċerti kategoriji ta' nbejjed jew għal ċerti żoni ta' produzzjoni u tista' tapplika għall-inbid ta' kwalità psr fuq talba tal-Istat Membru kkonċernat.

(2) Il-Gvern Taljan talab, permezz tal-ittra tal-14 ta' April 2006, biex tinfetaħ distillazzjoni ta' kriżi għall-inbejjed tal-mejda prodotti fit-territorju tiegħu kif ukoll għal ċerti nbejjed ta' kwalità prodotti fir-reġjuni meqjusa għall-inbid ta' kwalità (psr).

(3) Instab li kien hemm fdalijiet importanti fis-suq tal-inbejjed tal-mejda kif ukoll fis-suq ta' ċerti nbejjed ta' kwalità prodotti fir-reġjuni meqjusa għall-inbid ta' kwalità (psr) fl-Italja li jidhru fit-tnaqqis tal-prezzijiet u fiż-żieda inkwetanti tal-ħażniet għall-aħħar tal-istaġun attwali. Biex jitneħħa dan l-iżvilupp negattiv u biex b'hekk tiġi rimedjata s-sitwazzjoni diffiċli tas-suq meħtieġ li jitnaqqsu l-ħażniet ta' nbejjed Taljani għal livell ikkunsidrat bħala normali biex jintlaħqu l-ħtiġijiet tas-suq.

(4) Billi l-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 30(5) tar-Regolament (KE) Nru 1493/1999 ġew sodisfatti, hu xieraq li jiġi previst il-ftuħ ta' distillazzjoni ta' kriżi għal volum massimu ta' 2,5 miljun ettolitru ta' nbejjed tal-mejda u volum massimu ta' 100 000 ettolitru għal ċerti nbejjed ta' kwalità prodotti fir-reġjuni meqjusa għall-inbid ta' kwalità (psr).

---

[1] ĠU L 179, 14.07.1999, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 2165/2005 (ĠU L 345, 28.12.2005, p. 1).

(5) Id-distillazzjoni ta' kriżi miftuħa b'dan ir-Regolament għandha tkun konformi mal-kundizzjonijiet previsti fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1623/2000 tal-25 ta' Lulju 2000 li jistabbilixxi regoli ddettaljati għall-implementazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1493/1999 dwar l-organizazzjoni komuni tas-suq tal-inbid fir-rigward tal-mekkaniżmi tas-suq[2] li jikkonċernaw id-distillazzjoni prevista fl-Artikolu 30 tar-Regolament (KE) Nru 1493/1999. Dispożizzjonijiet oħra tar-Regolament (KE) Nru 1623/2000 għandhom ukoll jiġu applikati, notevolment id-dispożizzjonijiet relatati mal-kunsinna ta' alkoħol lill-aġenzija ta' intervent u lil dawk li jikkonċernaw il-ħlas bil-quddiem.

(6) Jeħtieġ li jiġi ffissat il-prezz tax-xiri li jrid jitħallas mid-distillatur lill-produttur f'livell li jippermetti li jiġi rimedjat it-taħwid tas-suq filwaqt li jippermetti lill-produtturi li jibbenefikaw mill-miżura.

(7) Il-prodott maħruġ mid-distillazzjoni ta' kriżi ma għandux ikun ħlief alkoħol pur jew newtrali li jrid jitwassal b'mod obbligatorju lill-aġenzija ta' intervent sabiex jiġi evitat li jitħawwad is-suq tal-alkoħol għax-xorb fornut b'mod wiesa' mid-distillazzjoni prevista fl-Artikolu 29 tar-Regolament (KE) Nru 1493/1999.

(8) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Inbejjed,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Id-distillazzjoni ta' kriżi, imsemmija fl-Artikolu 30 tar-Regolament (KE) Nru 1493/1999, hi miftuħa għal kwantità massima ta' 2,5 miljun ettolitru ta' nbejjed tal-mejda u kwantità massima ta' 100 000 ettolitru ta' nbejjed ta' kwalità prodotti fir-reġjuni meqjusa għall-inbid ta' kwalità (psr) bl-istem ta' Barbera d'Asti, Barbera Monferrato, Piemonte Barbera, Dolcetto d'Ovada, Dolcetto d'Acqui, Dolcetto d'Asti, Monferrato Dolcetto, Grignolino d'Asti u Piemonte Grignolino, b'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1623/2000 li għandhom x'jaqsmu ma' distillazzjoni ta' din ix-xorta.

Artikolu 2

Kull produttur jista' jiffirma kuntratt ta' kunsinna, imsemmi fl-Artikolu 65 tar-Regolament (KE) Nru 1623/2000 (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-kuntratt"), mit-3 ta' Lulju 2006 sal-24 ta' Lulju 2006 għal dak li jikkonċerna l-inbejjed tal-mejda u mit-3 ta' Lulju 2006 sal-14 ta' Lulju 2006 għal dak li jikkonċerna l-inbid ta' kwalità psr.

Il-kuntratti għandu jkollhom il-prova li saret garanzija li tammonta għal EUR 5 għal kull ettolitru.

Dawn il-kuntratti ma jistgħux jiġu ttrasferiti.

---

[2] ĠU L 194, 31.7.2000, p. 45. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1820/2005 (ĠU L 293, 9.11.2005, p. 8).

Artikolu 3

1. Jekk il-kwalitajiet globali koperti mill-kuntratti ppreżentati lill-aġenzija ta' intervent jiskorru l-kwantijajiet iffissati fl-Artikolu 1, l-Istat Membru jiddetermina r-rati ta' tnaqqis li għandhom jiġu applikati lill-kuntratti msemmija.

2. L-Istat Membru jieħu l-passi amministrattivi meħtieġa biex japprova, mhux aktar tard mit-13 ta' Settembru 2006 għal dak li jikkonċerna l-inbejjed tal-mejda u t-28 ta' Lulju 2006 għal dak li jikkonċerna l-kuntratti għall-inbid ta' kwalità psr. L-approvazzjoni għandha tinkludi l-livell ta' tnaqqis li għandu jiġi applikat u l-volum ta' nbid aċċettat mill-kuntratt u għandha ssemmi l-possibbiltà li l-produttur joħroġ mill-kuntratt fil-każ li tiġi applikata rata ta' tnaqqis.

   L-Istat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni dwar il-volumi ta' nbejjed li jidhru fuq il-kuntratti approvati qabel l-20 ta' Settembru 2006 f'dak li jikkonċerna l-inbejjed tal-mejda u l-25 ta' Awwissu 2006 f'dak li jikkonċerna l-inbid ta' kwalità psr.

3. L-Istat Membru jista' jillimita l-għadd ta' kuntratti li prodottur jista' jkun involut fihom skont dan ir-Regolament.

Artikolu 4

1. Il-kunsinni fid-distillerija ta' kwantitajiet ta' nbejjed li huma parti minn kuntratti approvati għandhom isiru mhux aktar tard mill-15 ta' Diċembru 2006 għall-inbejjed tal-mejda u mill-31 ta' Awwissu 2006 għall-inbejjed ta' kwalità psr. L-alkoħol prodott għandu jitwassal lill-aġenzija ta' intervent skont l-Artikolu 6(1), mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu 2007 għall-inbejjed tal-mejda u mit-30 ta' Settembru 2006 għall-inbejjed ta' kwalità psr."

2. Il-garanzija għandha tiġi rrilaxxata bi prorata mal-kwantitajiet fornuti meta l-produttur jagħti prova tal-kunsinna lid-distillerija.

   Jekk ma ssir l-ebda kunsinna fl-iskadenzi previsti fil-paragrafu 1, il-garanzija tintilef.

Artikolu 5

Il-prezz minimu ta' xiri tal-inbid ikkunsinnat għad-distillazzjoni skont dan ir-Regolament hu ugwali għal EUR 1,914/%/volum/ettolitru u għal kull ettolitru għall-inbejjed tal-mejda u ta' EUR 3,000/%/volum/ettolitru u għal kull ettolitru għall-inbid ta' kwalità psr.

Artikolu 6

1. Id-distillatur għandu jagħti l-prodott tad-distillazzjoni lill-aġent ta' intervent. Dan il-prodott ikollu livell alkoħoliku ta' mhux inqas minn 92 % vol.

2. Il-prezz li għandu jitħallas lid-distillatur mill-aġenzija ta' intervent għall-alkoħol pur ikkunsinnat hu ta' EUR 2,281/%/volum/ettolitru jekk magħmul minn inbejjed tal-mejda u ta' EUR 3,367/%/volum/ettolitru u għal kull ettolitru jekk magħmul minn

inbid ta' kwalità psr. Il-ħlas isir b'konformità mal-Artikolu 62(5) tar-Regolament (KE) Nru 1623/2000.

Id-distillatur jista' jirċievi ħlas bil-quddiem għal dawn l-ammonti ta' EUR 1,222/%volum/ettolitru fir-rigward tal-alkoħol magħmul minn inbejjed tal-mejda u ta' EUR 2,208/% volum/ettolitru u għal kull ettolitru li jikkonċerna l-alkoħol magħmul minn inbid ta' kwalità psr. F'dan il-każ, il-prezzijiet fil-fatt imħallsa jitnaqqsu mill-ammont tal-ħlas bil-quddiem. L-Artikoli 66 u 67 tar-Regolament (KE) Nru 1623/2000 japplikaw.

Artikolu 7

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mit-3 ta' Lulju 2006.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 26 ta' Ġunju 2006.

Għall-Kummissjoni
Mariann FISCHER BOEL
Membru tal-Kummissjoni